MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru. 31/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
vs
Martin Farrugia u Mario Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'B'Kara nhar l-10 ta' Jannar, 2003 ghall-habta ta' 2.00p.m. it-tnejn flimkien ikkommettew serq ta' handbag kontenenti flus, mobile phone tal-ghamla Nokia kif ukoll flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' LM100 izda anqas minn LM1000 ghad-dannu ta' Noel Debono, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa;

Ukoll it-tnejn flimkien talli huma ricedivi b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu imhassra jew mibdula;

Il-Qorti semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi kienu hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u dana meta kienu qeghdin isirulhom il-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali ghal-liema seduta huma kienu assistiti mill-avukat difensur Dr Richard Sladden.

Il-Qorti rat l-Artikoli 392(2), 370(4), 392(a) u 453(1) tal-Kap. 9 u wissiet liz-zewg imputati fuq imsemmija b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u cioe' tal-ammissjoni taghhom;

Il-Qorti tat ftit ta' zmien liz-zewg imputati fuq imsemmija sabiex jergghu lura mit-twegiba taghhom. Iz-zewg imputati fuq imsemmija baqghu itennu din it-twegiba u ghalhekk il-Qorti ordnat illi l-ammissjoni tigi registrata.

Ghalhekk il-Qorti taqta u tiddeciedi billi issib liz-zewg imputati fuq imsemmija hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 261(g), 267, 271, 280, 49, 50 u 31 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija huma recidivi ferm, inghataw diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jirrifornaw ruhhom, pero' ma avvalawx ruhhom minn dawn id-diversi opportunitajiet illi inghatawlhom u baqghu sejrin bil-hajja kriminali taghhom. Bizzejjed jinghad illi l-imputat Martin Farrugia ghandu fedina penali twila 24 faccata waqt illi l-imputat Mario Farrugia ghandu fedina penali ta' ben 29 faccata. Madanakollu l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi z-zewg imputati t-tnejn li huma ikkollaboraw mal-pulizija matul l-investigazzjoni u fil-fatt irrilaxxjaw stqarrija fejn mal-ewwel ammettew l-involviment taghhom fir-reat in kwistjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi z-zewg imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri u b'hekk gie evitat illi issir il-kumpilazzjoni. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tikkundanna

liz-zewg imputati fuq imsemmija kull wiehed ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti kull opportunita liz-zewg imputati fuq imsemmija sabiex, dejjem jekk dawn ikunu jridu, isegwu programm ghar-riabbilitazzjoni mid-droga.

Il-Qorti tordna illi l-atti kollha flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------